



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.11.2012
COM(2012) 635 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Li jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI	2
2.	L-APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA MILL-2008 'L QUDDIEM.....	3
3.	L-IMPATT TAD-DIRETTIVA FUQ IL-KONSUMATURI.....	7
4.	L-OSTAKLI LILL-EFFETTIVITÀ TAL-MANDATI TA' INIBIZZJONI.....	11
5.	IL-PASSI LI JMISS	14
6.	KONKLUŻJONI.....	16

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 98/27/KE tad-19 ta' Mejju 1998 dwar ingunzjonijiet¹ għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi introduċiet proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja li tippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur u/jew lill-awtoritajiet pubbliċi jitolbu mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu xi prassi ta' kummerċjant li tkun qed tikser numru ta' regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur (elenkati fl-Anness tad-Direttiva) fl-Istati Membri kollha. Id-Direttiva 98/27/KE ġiet emendata diversi drabi (fl-Anness ġew miżjuda Direttivi ġodda). Għal finijiet ta' ċarezza, din id-Direttiva ġiet ikkodifikata bid-Direttiva 2009/22/KE, li tinsab fis-seħħ bħalissa.

1.1. It-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri u l-applikazzjoni tagħha sal-2008.

L-ewwel rapport ikkonkluda li l-akbar benefiċċju tad-Direttiva dwar l-inġunzjonijiet kien il-fatt li din introduċiet proċedura li tippermetti li entità tikseb mandati ta' inibizzjoni sabiex tipproteġi l-interess kollettiv tal-konsumaturi f'kull Stat Membru. Dawn il-proċeduri kellhom suċċess għall-każijiet ta' ksur fil-livell nazzjonali, iżda kellhom impatt aktar limitat fejn jidħlu l-każijiet ta' ksur transkonfinali. Ir-raġunijiet ewlenin imsemmija kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-partijiet interessati biex jispjegaw in-numru żgħir ta' mandati ta' inibizzjoni mitluba fi Stat Membru ieħor kienu l-ispejjeż, il-kumplessità, u t-tul ta' żmien involut fit-teħid ta' azzjoni fi Stat Membru ieħor.

Ir-rapport tal-Kummissjoni enfasizza wkoll li d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi ("ir-Regolament KPK")² parzjalment spjega r-raġuni għaliex l-awtoritajiet pubbliċi f'it li xejn jirrikorru għall-proċedura tal-mandati ta' inibizzjoni f'każijiet ta' ksur transkonfinali, minħabba li minnu ħareġ li l-mekkaniżmi ta' assistenza reċiproka stipulati fir-Regolament jiswew inqas.

1.2. Il-metodoloġija u l-għan ta' dan ir-rapport.

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2009/22/KE dwar mandati ta' inibizzjoni għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi ("id-Direttiva") jistipula l-adozzjoni ta' rapport dwar l-applikazzjoni tagħha kull tliet snin. Għalkemm inizjalment kien ippjanat għall-2003, l-ewwel rapport ġie adottat f'Novembru 2008.

F'Marzu 2011, sabiex jitħejja dan it-tieni rapport, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Il-Kummissjoni rċeviet 58 risposta li 37 minnhom waslu minn ministeri jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra tal-Istati Membri u 21 minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur fil-livell nazzjonali jew Ewropew.

¹ It-test tad-Direttiva (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30–36) jinsab f': <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32009L0022:EN:NOT>.

² (ĠU 364 09 12 2004, p.1-11)

Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkummissjonat studju estern³ imfassal biex jiġbor aktar dejta dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva u biex jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-impatt tad-Direttiva fuq il-konsumaturi f'disa' Stati Membri, jiġifieri l-Awstrija, il-Bulgarija, Franza, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Dawn l-Istati Membri ntgħażlu għaliex, flimkien mal-proċedura tal-mandati ta' inibizzjoni, għandhom sistemi ta' rimedju kumpensatorju kollettiv li diġà ilhom fis-seħħ numru ta' snin.

2. L-APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA MILL-2008 'L QUDDIEM

2.1. Stima tan-numru ta' mandati ta' inibizzjoni.

Dejta limitata biss hija disponibbli dwar l-għadd ta' mandati ta' inibizzjoni nazzjonali u transkonfinali li nbdew biex jiddefendu l-interessi kollettivi tal-konsumaturi fl-Istati Membri varji. Dan in-nuqqas ta' dejta statistika komprensiva u affidabbli huwa minħabba n-nuqqas ta' obbligu formali fuq l-Istati Membri biex iżommu bażi ta' dejta ċentrali ta' mandati ta' inibizzjoni mibdija fit-territorju tagħhom u biex jirrapportaw din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Għal din ir-raġuni, l-istima tan-numru ta' mandati ta' inibizzjoni hija komputu diffiċli u kull stima li nfasslu għandha ssir b'attenzjoni kbira. Huwa possibbli li jkun irrapportat in-numru ta' każijiet dokumentati, iżda dan ma jfissirx li dawn huma l-uniċi azzjonijiet ta' mandati ta' inibizzjoni li jkunu fil-fatt inbdew.

Fil-kwestjonarju, mibgħut lill-partijiet interessati rilevanti, il-persuni li wiegħbu kienu ntalbu jagħtu n-numru ta' mandati ta' inibizzjoni li kienu ressqi mill-2008, kemm fil-livell domestiku u kemm f'dak transkonfinali. B'kolloxx, kienu rrapportati 5632 azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni. Il-biċċa l-kbira minn dawn kienu nazzjonali. Dawk li wiegħbu rrapportaw biss madwar 70 mandat ta' inibizzjoni ta' natura transkonfinali matul il-perjodu speċifikat. Jekk nikkategorizzaw dawn iċ-ċifri skont l-Istati Membri, l-Istati Membri **bl-ogħla għadd ta' azzjonijiet għal mandat ta' inibizzjoni li kienu rrapportati** mis-sena 2008 'l hawn huma kif ġej: il-Ġermanja: għalkemm jeżisti nuqqas ta' dejta statistika ċentralizzata u komprensiva, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ddikjarat li sebgħa entitajiet ikkwalfikati Ġermaniżi kienu, biss biss, introduċew iktar minn 3,000 azzjoni. Dan aktarx hu marbut mal-fatt li, fil-Ġermanja, ir-regolamentazzjoni tas-swieq tal-konsumatur tradizzjonalment hi suġġetta għall-infurzar privat. Il-Latvja: l-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Konsumatur irrapportat 956 każ. Ir-Renju Unit: L-Uffiċċju tal-Kummerċ Ġust (l-OFT) irrapporta 938 azzjoni. Fl-Awstrija, l-istudju estern identifika aktar minn 500 azzjoni u l-Gvern ta' Malta rrapporta 267 każ.

Fejn jidhru l-mandati ta' inibizzjoni ta' natura transkonfinali, l-Istati Membri bl-ogħla għadd ta' azzjonijiet irrapportati matul il-perjodu speċifikat huma kif ġej: il-Ġermanja: Il-Federazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tal-Konsumatur Ġermaniżi ddikjarat li kienet bdiet madwar 20 mandat ta' inibizzjoni għal każijiet ta' ksur transkonfinali. L-Awstrija: Il-Kamra tax-Xogħol Federali ddikjarat li kienet ressqet 8 azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni transkonfinali. L-entitajiet ikkwalfikati, kif ukoll l-avukati (il-konsulenti legali) speċjalizzati fil-liġi tal-konsumatur, għandhom it-tendenza li jieħdu azzjoni biss f'każijiet fejn ikun hemm ċertezza li l-qrati Awstrijaċi se jappoġġaw il-każ.

³ Studju dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/22/KE dwar l-inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, imwettaq minn IBF International Consulting.

Ir-rata ta' suċċess ta' azzjonijiet mibdija normalment tkun waħda għolja. Madankollu, parzjalment dan jiġri minħabba li, sforz ir-riskji fl-ispiża marbuta mal-kwistjoni li tkun inqalgħet, l-entitajiet ikkwalfikati jressqu azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni biss meta jkunu żguri li se jirbħu huma.

2.2. Is-setturi ekonomiċi l-aktar milquta.

Għalkemm kien hemm mandati ta' inibizzjoni ffirxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi, il-maġġoranza tal-azzjonijiet ta' mandati ta' inibizzjoni huma kkonċentriati biss f'numru limitat ta' setturi.

Is-setturi ekonomiċi li ssemew l-aktar drabi minn dawk li wiegħbu bħala li l-aktar li ntlawtu mill-mandati ta' inibizzjoni huma dawn li ġejjin:

- (1) it-telekomunikazzjoni
- (2) il-banek u l-investimenti
- (3) it-turiżmu u l-vjaġġi b'kollox inkluż

Setturi oħra msemija minn ħafna minn dawk li wiegħbu huma l-bejgħ mill-bogħod, l-assigurazzjoni, l-enerġija, il-prodotti tal-konsumatur li mhumiex prodotti tal-ikel, u t-trasport tal-passiġġieri. Ftit minn dawk li wiegħbu ssemew il-bejgħ tal-proprietà u t-tiswijiet fid-djar, jew is-self minn istituzzjonijiet mhux bankarji (l-hekk imsejħa "self fil-pront") bħala setturi oħra affettwati.

2.3. Il-każijiet l-aktar komuni ta' ksur tar-regoli li jħarsu l-konsumatur

Il-mandati ta' inibizzjoni tressqu kontra firxa wiesgħa ta' każijiet ta' ksur tal-leġiżlazzjoni għall-ħarsien tal-konsumatur. Barra minn hekk, xi Stati Membri estendew l-ambitu tal-mandati ta' inibizzjoni lil hinn mil-lista limitata mogħtija fl-Anness ta' din id-Direttiva. Din l-estensjoni hija pożittiva għall-konsumaturi. Madankollu, għandu jkun hemm referenza tajba għal-leġiżlazzjoni inkluża fl-Anness tad-Direttiva, hekk li tkun żgurata ċ-ċertezza legali. Il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Portugall, Spanja, il-Bulgarija u l-Pajjiżi l-Baxxi huma xi Stati Membri fejn l-ambitu tal-mandati ta' inibizzjoni huwa ferm aktar mifrux mil-lista ta' leġiżlazzjoni inkluża fl-Anness tad-Direttiva. Madankollu, il-maġġoranza tal-azzjonijiet ta' mandati ta' inibizzjoni nbew biex iwaqqfu biss numru limitat ta' prattiki illegali li jagħmlu l-ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi.

Jekk wieħed joqgħod fuq it-tweġibiet għall-kwestjonarju, il-prattiki illegali li ġejjin li jagħmlu l-ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi, jirriżultaw l-aktar spissi fl-użu ta' mandati ta' inibizzjoni, skont l-ordni ta' importanza:

- (1) Klawżoli inġusti fil-kuntratti. Bla dubju, din hi t-tip ta' prattika li l-aktar li twassal għal azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni;
- (2) Prattiki kummerċjali inġusti u reklamar qarrieqi, fl-istess livell.

Fi kwantità ferm inqas, każijiet oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-konsumaturi li wasslu biex jingħata mandat ta' inibizzjoni kienu jinvolvu l-ksur ta' dispożizzjonijiet dwar ir-regoli tal-garanzija, ir-regolamenti dwar l-indikazzjoni tal-prezzijiet jew il-bgħit ta' emails mhux

mitluba. Xi Stati Membri (Spanja, b'mod partikolari) għandhom ukoll grupp ta' mandati ta' inibizzjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kreditu tal-Konsumatur. F'xi Stati Membri fejn il-mandati ta' inibizzjoni għandhom ambitu usa', l-azzjonijiet ittieħdu kontra l-interruzzjoni ta' servizzi essenzjali (bħall-provvista tal-elettriku). F'dan il-każ, l-ordni ta' mandat ta' inibizzjoni tista' tordna li jkunu rispettati d-drittijiet tal-konsumatur hekk li xi parti jkollha tiegħu ċerta azzjoni. Każijiet bħalma hi l-interruzzjoni ta' servizzi jew ta' utilitajiet fi Spanja huma eżempju tajjeb ta' dan it-tip ta' mandat ta' inibizzjoni, fejn tingħata ordni biex tittieħed azzjoni.

2.4. Entitajiet ikkwalifikati: l-ambjent legali fl-Istati Membri differenti.

L-aħħar lista ta' entitajiet ikkwalifikati⁴ tinkludi total ta' 313-il entità kwalifikati. In-numru u l-karatteristiċi ta' dawn l-entitajiet ivarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Filwaqt li diversi Stati Membri ħatru biss entità kkwalifikata waħda (l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Rumanija u l-Isvezja), oħrajn ħatru aktar minn 70 (il-Ġermanja u l-Greċja). Spanja, l-Italja u Franza jinsabu f'pożizzjoni intermedja, b'aktar minn 15 u inqas minn 30 entità kkwalifikata maħtura. F'termini ġenerali, fejn l-Istati Membri ħatru entità kkwalifikata waħda, tipikament din tkun awtorità pubblika inkarigata mill-protezzjoni tal-konsumatur, għalkemm hemm eċċezzjonijiet, bħalma hu l-każ tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Fejn l-Istati Membri ħatru diversi entitajiet ikkwalifikati, normalment dawn jinkludu kemm awtoritajiet publiċi responsabbli mill-affarijiet tal-konsumatur fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll l-aktar organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-konsumatur. Il-lista ta' entitajiet ikkwalifikati tinkludi l-lista tal-entitajiet awtorizzati li jressqu talba għal mandat ta' inibizzjoni fi Stat Membru ieħor, iżda f'ħafna Stati Membri xi entitajiet ġuridiċi li mhumiex inklużi fil-lista wkoll għandhom *locus standi* biex iressqu talba għal mandati ta' inibizzjoni fil-livell nazzjonali. Xi organizzazzjonijiet tal-konsumatur jikkritikaw il-marġini eċċessivi ta' diskrezzjoni sabiex jiġi deċiż liema entitajiet ġuridiċi jiġu inklużi fil-lista, xi ħaġa li tista' twassal għal deċiżjonijiet inġusti u arbitrarji. Oħrajn jgħidu wkoll li l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur għandu jkollhom il-*locus standi* biex jiksbu mandati ta' inibizzjoni fl-Istati Membri kollha, kemm għal każijiet nazzjonali u kemm għal dawk transkonfinali.

Mill-istudju joħroġ ukoll li l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni, inkella n-nuqqas tiegħu, jiddependi mill-għarfien u l-kapaċitajiet tal-istaff ġuridiku intitolat biex japplika dawn il-mandati ta' inibizzjoni. L-esperjenza turi wkoll li, anki f'dawk l-Istati Membri fejn għadd kbir ta' entitajiet għandhom valur ġuridiku biex jirrikorru għall-mandati ta' inibizzjoni, proporzjon żgħir biss minnhom jagħmlu użu minn din il-possibbiltà.

2.5. Mandati ta' inibizzjoni b'dimensjoni transkonfinali: it-tfassil tad-Direttiva u s-sitwazzjoni fuq il-post.

Sabiex jiġi evalwat sew l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni fl-UE hemm bżonn li jiġi ċċarat il-kunċett ta' litigazzjoni transkonfinali. Jidher li l-mandati ta' inibizzjoni transkonfinali, jiġifieri l-proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni li jinkludu element transkonfinali, jistgħu jieħdu forom differenti.

Id-Direttiva tfasslet biex tippermetti lill-entitajiet ikkwalifikati ta' Stat Membru A ifittxu lil operaturi tan-negozju fi Stat Membru B kemm-il darba dawn, fil-kummerċ tagħhom mal-

⁴ ĠU C 97 tal-31.3.2012

konsumaturi fi Stat Membru A, ikunu kisru l-liġijiet tal-konsumatur. Sabiex dan ikun possibbli, l-entitajiet ikkwalikati ngħataw *locus standi* fi qrati barranin. Il-Qorti fi Stat Membru B, ladarba tkun tressqitilha talba biex tinħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra kummerċjant stabbilit fil-ġurisdizzjoni tagħha, tisma' u tiddeċiedi l-każ mingħajr ma tiddiskuti l-*locus standi* tal-entità kkwalikata ta' Stat Membru A.

Madankollu, waħda mis-sejbiet ewlenin tal-istudju hija li l-ispeċifikazzjoni fid-Direttiva ta' "każ transkonfinali" hija biss waħda minn żewġ forom possibbli ta' proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni b'dimensjoni transkonfinali, u din rari tintuża.

It-tieni forma ta' proċedura f'"każ transkonfinali", aktar komuni, tidher fl-istess xenarju ta' kummerċ minn Stat Membru B għal Stat Membru A. Madankollu, b'kuntrarju għal dak li kellhom f'moħħhom dawk li abbozzaw id-Direttiva, il-kawża titressaq minn entità kkwalikata fi Stat Membru A quddiem qorti fi Stat Membru A. Il-kummerċjant, għalkemm stabbilit barra l-pajjiż, jiġi mfittex fil-pajjiż lejn fejn hija diretta l-attività kummerċjali tiegħu. Meta l-affarijiet jaħdmu hekk hemm il-vantaġġ li entità kwalifikata tkun tista' tressaq każ fil-ġurisdizzjoni familjari tagħha, u li tkun tapplika l-liġi proċedurali li x'aktarx tkun taf l-aktar. Jekk, barra minn hekk, il-liġi applikabbli tkun il-liġi ta' Stat Membru A (il-prinċipju *lex loci damni* tal-Artikolu 6 ta' "Ruma II"⁵), u l-problema tan-notifika tad-dokumenti legali barra mill-pajjiż tkun tista' tiġi rizzolta, din it-tieni possibbiltà ta' azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni tkun l-eħfef għażla li wieħed għandu jmur għaliha. Dan jippermetti wkoll li wieħed jitlob rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kontra negozjanti f'pajjiżi terzi.

Azzjoni "transkonfinali" ta' tip partikolari kienet inbdiet f'Mejju 2009 mid-DECO⁶ f'kooperazzjoni mal-UFC-Que Choisir ta' Franza u mat-Test-Achats tal-Belġju. L-"azzjoni koordinata" kienet tolqot il-kundizzjonijiet ġenerali tal-linji tal-ajru dwar it-trasport (id-Direttiva 93/13/KEE). Fil-każ tal-Belġju kienet ħarġet sentenza li obligat lil tliet linji tal-ajru biex jieqfu jużaw għadd ta' klawżoli kuntrattwali meqjusa bħala inġusti. Kull pass magħmul mill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur kien wieħed ikkoordinat, inklużi l-miżuri ta' pubbliċità li saru, bħall-istqarrijiet għall-istampa. Din il-forma ta' azzjoni koordinata rrappreżentat tip partikolari ta' kooperazzjoni transkonfinali u dan minkejja li, formalment, ma kinitx ikkwalikata bħala kawża transkonfinali.

2.6. Interazzjoni mar-Regolament KPK dwar każijiet ta' ksur transkonfinali.

Ir-Regolament KPK jistabbilixxi qafas għal assistenza reċiproka għall-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet jikkollaboraw bejniethom meta jkollhom bżonn ta' għajjnuna fl-investigazzjonijiet u/jew fl-infurzar hekk li jxejnu l-prattiki li ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni elenkata fl-Anness tar-Regolament. Ir-Regolament KPK għandu l-għan li jipproteġi l-interessi ekonomiċi kollettivi tal-konsumatur u mhux li jindirizza lmenti individwali.

Ir-rapport tal-2008 dwar id-Direttiva tal-inġunzjonijiet indikat li r-Regolament KPK kellu impatt fuq l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni; b'mod partikolari l-esperjenza wriet li, mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-KPK, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet pubbliċi għażlu li jużaw il-mekkaniżmi ta' assistenza reċiproka tiegħu fil-għlieda kontra xi Prattika illegali minn

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40-49

⁶ Associação Portuguesa para a Defesa do Consumidor.

negozjant fi Stat Membru ieħor, minflok ma talbu mandat ta' inibizzjoni mill-ewwel quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru, u dan minħabba li l-ewwel possibbiltà tista' tiswiehom inqas. It-tweġibiet għall-kwestjonarju fl-2011 jikkonfermaw din it-tendenza, għalkemm awtorità pubblika ta' Stat Membru wriet biċ-ċar il-fatt li l-mandati ta' inibizzjoni għadhom jikkostitwixxu għodda siewja għall-awtoritajiet pubbliċi, u li jistgħu jiġu użati jekk il-mekkaniżmi tal-KPK ma jiksbox ir-riżultati mistennija.

Fl-aħħar nett, bosta minn dawk li wiegħbu enfasizzaw li l-lista tal-leġislazzjoni li hemm fl-Anness tad-Direttiva dwar l-mandati ta' inibizzjoni għandha tiġi allinjata ma' dik tal-Anness tar-Regolament KPK.

3. L-IMPATT TAD-DIRETTIVA FUQ IL-KONSUMATURI.

Ir-risposti għall-kwestjonarju u s-sejbiet tal-istudju juru li l-mandati ta' inibizzjoni huma għodda li rnexxiet għas-sorveljanza tas-swieq, speċjalment biex jiżguraw li jkun hemm klawżoli kuntrattwali ġusti. F'dan ir-rigward, dawn għabu benefiċċji sostanzjali lill-konsumaturi inġenerali. Madankollu, l-impatt tagħhom, aktar milli jsewwi d-dannu li sar fil-passat, hu previst li jinħass aktar fil-futur, u huwa ferm diffiċli li jiġi kkwantifikat f'termini monetarji.

Għalkemm il-mandati ta' inibizzjoni, fihom infushom, ma jipprovdux rimedju biex jitħallas lura d-dannu li jkun sar fil-passat, il-possibbiltà li jintuża mandat ta' inibizzjoni fih innifisu tista' diġà jkollha valur. Bħala għodda ta' governanza, il-mandati ta' inibizzjoni jistgħu jintużaw bħala deterrent mingħajr ma jiġu applikati fil-Qorti.

Konklużjoni importanti oħra hija li l-mandati ta' inibizzjoni għandhom effett tajjeb partikolarment fuq il-parteċipanti tas-suq li jirrispettaw il-liġi sa ċertu punt biss. Fil-konfront ta' kummerċjanti li ma josservawx il-liġi u ta' atturi kriminali, l-azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni mhux dejjem huma l-mekkaniżmu f'loku biex iwaqqfu prattiki illeċiti. Bosta minn dawk li ġew intervistati jgħidu li, f'sitwazzjonijiet bħal dawn, kapaċi jkun hemm bżonn ta' sanzjonijiet kriminali u amministrattivi bħalma huma l-pieni u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet speċifiċi fl-andament tal-attivitajiet tan-negozju, u dan biex tkun żgurata l-konformità mal-leġislazzjoni għall-ħarsien tal-konsumatur.

3.1. Tnaqqis fin-numru ta' każijiet ta' ksur tar-regoli li jħarsu l-konsumatur

Filwaqt li l-biċċa l-kbira ta' dawk li wiegħbu u tal-esperti li ġew intervistati qalu li l-effett tal-mandati ta' inibizzjoni ma jistax jitkejjel biss f'termini tal-għadd ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti, din hija wkoll għażla importanti li tista' tintuża biex tikkonvinċi lill-kumpaniji jwaqqfu l-ksur li jkun qed iwettqu minn jeddom. Għal bosta partijiet interessati, il-fatt biss li jkun possibbli li jitressqu azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni għandu effett deterrenti inerenti fin-negozjati li jsiru ma' min ikun kiser il-leġislazzjoni. F'xi każijiet, min-naħa l-oħra, meta azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni jkollha suċċess u tiddikjara li l-prattika ta' kummerċjant hija llegali, negozjanti oħrajn għandhom it-tendenza li jibqgħu lura milli jużaw prattiki simili, anki jekk dawn ma jkunux marbuta legalment bid-deċiżjoni.

Meta nqisu r-riżultati tal-istudju u t-tweġibiet għall-kwestjonarju, il-konklużjoni tagħna hija li d-Direttiva sa ċertu punt aġevolat il-konformità mal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur fost l-operaturi ekonomiċi f'ċerti setturi tal-ekonomija, għalkemm ma hemmx biżżejjed dejta disponibbli biex dan it-tnaqqis jiġi kkalkulat f'perċentwali.

3.2. Tnaqqis fil-ħsara li ssir lill-konsumatur

Konklużjoni importanti tal-istudju huwa li d-Direttiva kellha benefiċċji kwalitattivi diretti għall-konsumaturi, għalkemm ma kienx neċessarjament possibbli li dawn il-benefiċċji jiġu spjegati f'termini ta' flus. Dan huwa minħabba li, f'ħafna każijiet, mhuwiex possibbli li jiġi stabbilit l-għadd eżatt ta' konsumaturi li potenzjalment iġarrbu dannu b'riżultat ta' xi prattika illegali. Barra minn hekk, ħafna klawżoli kuntrattwali li jiġu ddikjarati illegali b'effett ta' mandat ta' inibizzjoni ma jkunux relatati mal-prezz li jrid jiġihallas mill-konsumaturi.

Sabiex ikun jista' jiġi evalwat l-effett possibbli tal-mandati ta' inibizzjoni fuq it-tnaqqis fil-ħsara li ssir lill-konsumatur, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-klawżoli kuntrattwali inġusti li jista' jkollhom effett dirett immedjat fuq l-obbligi tal-konsumatur skont il-kuntratt.

Meta Qorti tiddikjara klawżola kuntrattwali partikolari bħala nulla u bla effett, il-kummerċjant ma jkun jista' japplika dik il-kundizzjoni fl-ebda kuntratt ieħor. Dan hu ta' benefiċċju għall-konsumatur partikolarment jekk il-kundizzjoni inkwistjoni tkun tirregola ż-żidiet fil-prezzijiet jew effetti finanzjarji oħra, u f'dan il-każ il-benefiċċju jkun jista' jiġi evalwat f'termini monetarji, minħabba li ħafna konsumaturi jnaqqsu l-ħlasijiet tagħhom fil-futur b'konsegwenza diretta tal-mandati ta' inibizzjoni. Pereżempju, il-każijiet ta' "rounding up" fi Spanja wasslu għall-projbizzjoni tal-ħlasijiet illegali ġodda f'firxa ta' setturi (il-banek, it-telekomunikazzjonijiet, l-ipparkjar).

Pereżempju, fl-Awstrija tressqet azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni kontra klawżoli inġusti fil-kuntratti bankarji ta' bank Awstrijak. F'Awwissu 2009 il-bank informa lill-klijenti tiegħu fir-rendikont tal-kontijiet li l-prezzijiet għal kontijiet kurrenti kellhom jiżdiedu mill-1 ta' Ottubru skont iż-żieda fl-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumaturi għall-2008, li kienet waħda ta' 3.2%. Il-bank irrefera għall-klawżola tal-indiċi fil-Klawżoli Kuntrattwali Standard, li ppermettiet lill-bank iżid il-prezzijiet awtomatikament għall-obbligi kontinwi darba fis-sena, skont kif jevolvi l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumaturi. Din il-miżura ta' mandat ta' inibizzjoni kellha impatt sinifikanti fuq il-konsumaturi, minħabba li fir-rebbiegħa 2011 ħafna mill-banek l-oħra, li kienu użaw klawżoli simili, żammew lura milli jżidu l-prezz awtomatikament, xi ħaġa li bbenefikaw minnha mal-miljun klijent tal-banek Awstrijaċi. Dan hu każ ċar ta' mandat ta' inibizzjoni li rnexxa b'mod li ħalla impatt tanġibbli fuq il-konformità mal-liġi, mhux biss fir-rigward tal-konvenut, iżda għas-settur ekonomiku kollu. Barra minn hekk, kien faċli li l-benefiċċju għall-konsumaturi jiġi evalwat f'termini monetarji.

Każ ieħor fejn il-benefiċċji tal-konsumatur riżultat ta' proċedimenti b'suċċess ġew ikkalkulati f'termini monetarji huwa l-każ ta' Foxtons fir-Renju Unit⁷ (dwar klawżoli inġusti fi ftehimiet tal-kiri tal-post mas-sidien). Il-kwistjoni ta' jekk l-affarijiet imxewx b'mod ġust jew le kienet relatata a) mal-klawżoli dwar il-kummissjoni mħallsa għat-tiġdid tal-kera, b) mal-kummissjoni meta tinbiegħ il-proprietà, u ċ) mal-kummissjoni mħallsa għat-tiġdid tal-kera minn terza parti. Il-Qorti Superjuri ddikjarat formalment li ċerti klawżoli fil-kuntratti ta' Foxtons kienu inġusti, u ħarġet mandat ta' inibizzjoni li trażżan lil Foxtons milli jserrħu fuq dawn il-kundizzjonijiet jew oħrajn simili tagħhom, jew milli ddaħħal dawn il-kundizzjonijiet f'kuntratti fil-ġejjieni. Skont l-OFT, il-benefiċċju għall-konsumaturi jammontaw għal £4.4 miljun, għalkemm wieħed mill-intervistati jemmen li l-effett pożittiv jista' faċilment jirriżulta bejn għaxar sa għoxrin darba ogħla.

⁷ <http://www.oft.gov.uk/OFTwork/consumer-enforcement/consumer-enforcement-completed/foxtons>

3.3. L-effetti tal-mandati ta' inibizzjoni fuq konsumaturi individwali milquta minn każijiet ta' ksur tal-liġi: possibbiltajiet ta' rimedju fi Stati Membri differenti.

Bħala regola ġenerali, il-proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni introdotta bid-Direttiva ma tippermettix lill-konsumaturi li jkunu ġarrbu dannu minħabba prattika illeċita jiksbu kumpens. Madankollu, il-possibbiltajiet ta' rimedju għall-konsumaturi affettwati minn prattika ta' kummerċjant li tkun ġiet iddikjarata illegali wara mandat ta' inibizzjoni jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Xi Stati Membri jgħaddu l-impatt ta' mandat ta' inibizzjoni, sa ċertu punt, għal fuq il-konsumaturi affettwati. Bosta minn dawk li wiegħbu l-kwestjonarju u minn dawk li ġew intervistati enfasizzaw l-importanza li l-effetti tal-proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu estenzi biex jinkludu l-konsumaturi individwali, hekk li jkun possibbli għalihom li jiksbu kumpens xieraq għad-dannu li jkunu ġarrbu. Xi possibbiltajiet ta' rimedju, kemm ta' natura individwali u kemm kollettiva, li huma disponibbli għall-konsumaturi fl-Istati Membri varji, huma deskritti hawn taħt.

a) Rimedju individwali

F'ħafna Stati Membri, ma hemm l-ebda rabta bejn azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni u l-ġhoti ta' kumpens lill-konsumaturi għad-dannu mġarrab minħabba prattika illegali. Għalhekk, il-konsumaturi li d-drittijiet tagħhom ikunu nkisru jridu jsaħħu d-drittijiet tagħhom billi jressqu azzjoni quddiem Qorti ordinarja, jew individwalment jew kollettivament, f'dawk l-Istati Membri fejn jeżistu mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv. Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri, il-Qorti li jittrattaw tali proċedimenti mibdija mill-konsumaturi biex jiksbu kumpens, mhumiex marbuta bis-sentenza preċedenti dwar l-azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni. Il-konsumaturi li jfittxu kumpens għad-danni jridu jagħtu prova tal-ksur li jkun sar, tad-dannu u tar-rabta kawżali bejn it-tnejn.

Madankollu, f'xi Stati Membri, is-sitwazzjoni hija differenti. Pereżempju, skont il-Kummissjoni Bulgara għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-konsumaturi jistgħu jinvokaw deċiżjoni infurzabbli mill-Qorti dwar talba għal mandat ta' inibizzjoni meta jressqu t-talba għar-rimedju għad-danni, u hawn ikunu jridu jagħtu prova biss tal-ammont ta' dannu mġarrab. Fil-Lussemburgu, il-konsumatur jista' juża d-deċiżjoni tal-Qorti dwar mandat ta' inibizzjoni biex iressaq talba lill-"juge de paix" għal rimedju għad-danni. Fl-Irlanda, il-Qorti tista' tobbliga lill-kummerċjant iħallas id-danni lill-konsumatur li jkun ġarrab dannu b'riżultat tal-azzjonijiet tal-kummerċjant. F'Malta, b'konnessjoni mal-proċeduri amministrattivi, tista' tiġi ordnata r-restituzzjoni ta' xi flus jew proprjetà mogħtija mill-konsumatur.

Fi Stati Membri oħra, il-konsumaturi affettwati minn prattika illegali jistgħu jieħdu kumpens permezz tal-infurzar ta' deċiżjoni tal-qorti, u l-qorti tista' mbagħad tistabilixxi kif il-konsumaturi affettwati mill-prattika illegali għandhom jiġu kkumpensati, pereżempju billi ġġiegħel lill-kummerċjant irodd lura l-ammonti mhux dovuti mħallsa.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-Qorti aċċettat li l-irregolarità fl-attività ta' kumpanija kienet ġiet stabbilita wkoll fir-rigward ta' attur individwali minħabba li dan kien parti mill-grupp imsemmi fid-dikjarazzjoni. Dan ifisser li s-sentenza ta' irregolarità fl-attività ta' kumpanija fi proċediment kollettiv tista' tittieħed bħala punt tat-tluq f'azzjoni li ssir wara. Il-proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni b'hekk għenet attur individwali jistabilixxi irregolarità fl-attività tal-imputat.

b) Rimedju kollettiv

F'xi Stati Membri fejn jeżistu sistemi ta' rimedju kollettiv, is-suċċess ta' mandat ta' inibizzjoni jista' jgħib miegħu xi konsegwenzi fuq azzjoni kollettiva mibdija mill-konsumaturi affettwati li jitolbu rimedju għad-danni kawża ta' prattika illegali, u dan appartni l-effetti normali li jkollu mandat ta' inibizzjoni li jirnexxi u li diġà ssemew fil-punt preċedenti.

Fi Spanja, huwa possibbli li mal-mandat ta' inibizzjoni titwassal ukoll talba biex jitħallsu lura l-ammonti li jkunu waslu mill-konsumaturi b'riżultat ta' prattika kontra l-liġi, u d-deċiżjoni li tiddikjara li prattika hi illegali, f'dan il-każ, tistabbilixxi wkoll id-danni li għandhom jitħallsu mill-kummerċjant. Jekk il-konsumaturi affettwati jiġu identifikati, il-Qorti tiddetermina l-ammont li għandu jirċievi kull wieħed minnhom. Madankollu, hemm xi ostakli proċedurali li fil-prattika jagħmluha diffiċli li wieħed jorbot il-mandat ta' inibizzjoni ma' rikors għad-danni.

Fil-Pajjiżi l-Baxxi, il-partijiet li jaġixxu f'isem il-konsumaturi li jkunu ġarrbu d-danni jistgħu jitolbu sentenza dikjaratorja li tgħid li jkun sar ksur mill-parti li tkun ikkawżat il-ħsara. Din is-sentenza dikjaratorja titqies bħala inċentiv biex il-partijiet jilhqqu ftehim, u biex il-ftehim milħuq isir jorbot permezz tal-Att Olandiż dwar l-Azzjonijiet Kollettivi (Wcam⁸). Skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Att tal-2005 dwar is-Soluzzjonijiet Kollettivi għal Danni lill-Massa, il-Qorti tal-Appell ta' Amsterdam tista' tagħmel ftehim dwar danni lill-massa bejn entità li tirrappreżenta l-interessi kollettivi u l-persuna/i li jikkawżaw id-danni vinkolanti għall-membri kollha tal-grupp. Il-punt tat-tluq huwa ftehim li jfittex li jingħata kumpens għad-danni kollettivi. Il-partijiet li jkunu laħqu l-ftehim jagħmlu talba konġunta lill-Qorti ta' Amsterdam biex tiddikjara l-ftehim wieħed vinkolanti. Kruċjali għad-Wcam huwa l-fatt li l-grupp kollu tal-vittmi huwa marbut bil-ftehim dwar il-kumpens ladarba l-Qorti tkun iddikjarat il-ftehim vinkolanti. Madankollu, hemm il-possibilità ta' "għażla ta' esklużjoni". Waħda mil-limitazzjonijiet ta' din is-sistema hija li din taħdem biss jekk il-partijiet jilhqqu ftehim, u anki deċiżjoni li tistabbilixxi irregolarità fl-attività mhux dejjem tkun biżżejjed biex tiżgura li jintlaħaq ftehim.

Fil-Bulgarija, it-talba għal kumpens mill-partijiet li ġarrbu d-dannu tista' tittressaq fl-istess waqt bħala azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni. Il-Qorti tiffissa terminu ta' żmien sa meta l-partijiet li ġarrbu d-dannu jkunu jistgħu jiddikjaraw li huma se jieħdu sehem fil-proċedimenti. Wara li tagħti d-deċiżjoni tagħha, il-Qorti tista' tistipula li għandu jingħata kumpens lill-partijiet li ġarrbu d-dannu. Is-sentenza tal-Qorti tkun torbot fuq min kiser il-liġi, fuq min ikun ressaq l-ilment u fuq il-persuni kollha li jkunu ġarrbu dannu mill-istess ksur u li ma jkunux iddikjaraw li se jressqu talba individwali. L-azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni tippreċedi l-azzjoni għal kumpens. Jekk l-azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni tirnexxi, grupp ta' konsumaturi jkun jista' jressaq azzjoni għal kumpens. F'din l-azzjoni (l-ġdida) tal-qorti dawn ma jkollhomx għalfejn iressqu prova tal-ksur tal-leġiżlazzjoni (prattika illegali jew terminu inġust); ikollhom jagħtu prova biss tal-ammont ta' dannu mġarrab. Għalkemm l-azzjoni kollettiva tista' titqies fl-istess proċedimenti bħall-azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni, jew fi proċedimenti separati, il-qorti ta' spiss jifirdu ż-żewġ azzjonijiet fi proċedimenti separati.

Fl-Isvezja, rwol ċentrali fl-infurzar kollettiv mill-konsumaturi jiġi wkoll mill-Ombudsman tal-Konsumatur, li jista' jressaq azzjoni għad-danni minn grupp f'isem ġabra ta' konsumaturi fi

⁸ Wet collectieve afwikkeling massaschade

proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni. Madankollu, din il-possibbiltà ntużat biss f'għadd limitat ta' każijiet.

4. L-OSTAKLI LILL-EFFETTIVITÀ TAL-MANDATI TA' INIBIZZJONI

L-ostakli li jfixxlu l-effettività tal-proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni jistgħu jiġu kklassifikati fil-gruppi li ġejjin: ir-riskji finanzjarji, it-tul tal-proċedimenti, il-kumplessità tal-proċedimenti, l-effett legali limitat tad-deċiżjonijiet u l-infurzar tas-sentenzi.

4.1. Ir-riskju finanzjarju marbut mal-proċedimenti

L-ispejjeż tal-proċedimenti huma indikati bħala wieħed mill-ikbar ostakli biex l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni jinfexx iktar. Għalkemm it-tariffi tal-qorti ġeneralment ikunu baxxi u l-avukati ma jkunux għaljin b'mod esaġerat fil-pajjiżi kollha, l-ispejjeż jibqgħu deterrent b'saħħtu, prinċipalment minħabba l-prinċipju "min jitlef iħallas". Sabiex ikun limitat ir-riskju li jitħallsu t-tariffi u l-ispejjeż tal-parti opposta, huma biss daww il-każijiet li "żgur se jintrebħu" li qed jittellgħu l-qorti. Madankollu, l-entitajiet ikkwalifikati li jkunu ffinanzjati aħjar xi drabi jkunu lesti li jieħdu każ quddiem il-qorti, u anki jaċċettaw ir-riskju li jtilfu, meta fin-nofs ikun hemm kwistjoni ta' prinċipju. Iżda anki meta l-każ jintrebaħ, ġieli l-entitajiet ikkwalifikati xorta jkunu qed jirriskjaw il-flus: il-partijiet interessati jsemmu wkoll ir-riskju tal-ispejjeż ta' proċedimenti li ma jitħallsux lura anki meta jirbħu l-każ, għaliex l-imputat ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż. Barra minn hekk, f'xi Stati Membri bħall-Awstrija, il-parti li tressaq mandat ta' inibizzjoni hi obligata tħallas id-danni kemm-il darba d-deċiżjoni li tintlaħaq fil-proċedimenti interlokutorji mbagħad titwarrab fil-proċedimenti prinċipali.

Ir-riskju finanzjarju marbut mal-mandati ta' inibizzjoni huwa mrażżan f'xi Stati Membri fejn l-organizzazzjonijiet li jiddefendu l-interessi kollettivi huma eżenti mit-tariffi li jridu jitħallsu lill-qorti u jistgħu anki japplikaw għal sussidju skont is-sistema tal-għajjnuna legali ġenerali. Dan huwa l-każ, pereżempju, fi Spanja u li qed jiġi kkunsidrat ukoll fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fi Spanja, dan id-dritt għall-għajjnuna legali jinkludi t-tariffi lill-avukati u lill-konsulenti legali, il-pubblikazzjoni ta' avviżi jew editti, kopji, ċertifikati, eċċ. Madankollu, anki f'dawk l-Istati Membri fejn l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi jibbenefikaw mis-sistemi ta' għajjnuna legali, il-ħlas għar-reklami fil-midja li huma meħtieġa meta organizzazzjoni tal-konsumaturi tibda talbiet kollettivi għad-danni, flimkien mal-mandat ta' inibizzjoni, hu waħda mill-problemi ewlenin li jiffaċċjaw l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, għaliex din l-ispiża ma titħallasx lura.

Fil-Bulgarija, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur ma jirċevux sussidji għal azzjonijiet fil-qorti, iżda jingħata finanzjament lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur skont liema azzjonijiet ikunu hađu favur il-konsumaturi fis-sena preċedenti. Wieħed mill-kriterji użati għall-allokkazzjoni tas-sussidju mill-Istat assenjat lill-organizzazzjonijiet tal-konsumatur huwa n-numru ta' azzjonijiet għal mandat ta' inibizzjoni miġjuba quddiem il-qorti matul is-sena ta' qabel. Barra minn hekk, fil-Bulgarija hemm kriterji addizzjonali stabbiliti fil-Proċedura tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward tal-ammissibilità tat-talbiet, fejn l-"entitajiet ikkwalifikati" jridu jagħtu prova li huma jifilħu jassumu l-ispejjeż relatati mat-twassil tal-każ, inklużi l-ispejjeż.

4.2. It-tul tal-proċedimenti

It-tieni ostaklu huwa t-tul tal-proċedimenti. Il-kunċett ta' x'inhu aċċettabbli bħala tul ivarja minn Stat Membru għal ieħor. Ta' min isemmi li t-tul tal-proċedimenti mhux marbut mal-

mekkaniżmu ta' mandat ta' inibizzjoni fih innifsu iżda mad-dewmien inerenti tal-proċedimenti tal-qorti nazzjonali.

Fl-Isvezja teżisti qorti speċjali, il-Qorti tas-Suq, li l-aktar li tittratta huma proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni għall-ħarsien tal-interessi kollettivi tal-konsumatur, u f'każijiet bħal dawn din tiggarrantixxi proċeduri li, relattivament, ma jiddux żmien twil. Madankollu, it-tul medju tal-proċedimenti quddiem il-Qorti tas-Suq għadu bejn il-11 u t-12-il xahar. Fi Stati Membri oħra, it-tul tal-proċedura sħiħa li tgħaddi minn tliet seduti tal-Qorti tista' saħansitra taqbeż il-5 snin f'xi każijiet kumplessi.

Ostaklu ieħor marbut mat-tul tal-proċedimenti huwa meta jkun jista' jintalab l-infurzar. Pereżempju, fi Spanja, għalkemm il-liġi, bħala regola ġenerali, tipprevedi l-eżekuzzjoni provviżorja ta' kull sentenza u ma jeżistux regoli speċjali għal azzjonijiet kollettivi li jikkontradixxu din ir-regola ġenerali, normalment il-qrati ddeċidew li ma jippermettux l-eżekuzzjoni minħabba n-natura provviżorja ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, u l-entitajiet ikkwalifikati għalhekk jiġu obbligati jistennew sa ma toħroġ id-deċiżjoni finali.

Fil-Bulgarija, id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-ġdid fl-2008 kien ifisser li d-deċiżjonijiet tal-qorti dwar azzjoni għal mandat ta' inibizzjoni, fil-każ ta' appell, setgħu biss jiġu infurzati wara li l-qorti tat-tielet istanza tkun ħadet deċiżjoni.

4.3. Kumplessità tal-proċedura.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati u tal-esperti jqisu li deterrent kbir ieħor biex jinfirx iktar l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni hija l-kumplessità, reali jew ipperċepita, tal-proċedura. Din is-sitwazzjoni hija aggravata fil-każijiet transkonfinali, minħabba n-nuqqas ta' għarfien dwar ir-regoli sustantivi u proċedurali fi Stati Membri oħra.

B'rabta ma' dan, waħda mid-diffikultajiet fil-każijiet transkonfinali li ssemmiet mill-partijiet interessati u mill-esperti hija d-diffikultà fl-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat, partikolarment dawk li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni (ir-Regolament 44/2001 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, "Brussell I"⁹) u l-liġi applikabbli (ir-Regolament 864/2007 dwar il-liġi applikabbli dwar l-obbligi mhux kuntrattwali, "Ruma II"¹⁰). Huwa diffiċli li wieħed, mis-sottomissjonijiet mill-partijiet interessati, jifhem jekk dan huwiex dovut għal nuqqas ta' għarfien, għal nuqqas ta' esperjenza jew għad-dgħufija tal-liġi. L-armonizzazzjoni tar-regoli tad-dritt internazzjonali privat fil-livell tal-Unjoni bla dubju żiedet aktar ċertezza legali meta mqabbla mas-sitwazzjoni f'tit tas-snin ilu fejn kull Stat Membru kien japplika r-regoli tiegħu. Madankollu, minkejja l-armonizzazzjoni ta' dawn ir-regoli, sakemm ma tingħatax aktar gwida mill-QTĠ dwar l-applikazzjoni tagħhom, jistgħu jibqgħu xi dubji dwar l-interpretazzjoni tagħhom speċjalment fir-rigward tar-Regolament dwar il-liġi applikabbli dwar l-obbligi mhux kuntrattwali "Ruma II", li fl-Unjoni beda japplika biss dan l-aħħar.

Il-kumplessità tal-mandati ta' inibizzjoni fil-każijiet transkonfinali hija aggravata minn problemi oħrajn ta' natura aktar Prattika, bħall-ostakli lingwistiċi kif ukoll id-diffikultà li tiġi aċċessata d-dejta tal-kumpanija barra mill-pajjiż. Waħda mill-problemi hija li jiġi identifikat kummerċjant barrani u li jinstab l-indirizz tiegħu. Dan jirrendi l-bgħit tal-Ittri bl-Avukat jew

⁹ ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1–23

¹⁰ ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40–49

it-tressiq ta' kawża aktar diffiċli. Anke jekk il-kummerċjant jiġi identifikat, it-twassil ta' avviżi fuq kumpaniji barranin jista' jieħu żmien twil u ma jirnexxi, partikolarment meta l-kummerċjanti jagħtu biss kaxxa postali jew indirizzi foloz¹¹.

4.4. L-effett limitat tad-deċiżjonijiet

F'ħafna Stati Membri, deċiżjoni hija obligatorja biss fir-rigward tal-każ u tal-partijiet involuti.

F'xi Stati Membri dan il-prinċipju jiġi applikat b'mod anqas strett, partikolarment fir-rigward tal-annullament ta' klawżoli kuntrattwali inġusti. Franza hija eżempju prim ta' applikazzjoni stretta ta' dan il-prinċipju, minħabba li l-annullament ta' klawżoli inġusti jaffettwa biss il-kuntratti futuri tal-kummerċjant, hekk li l-kawżi kontra klawżoli inġusti jsiru inutili meta klawżola kuntrattwali ikkontestata ma tibqax proposta mill-kummerċjant lill-konsumaturi.

Fi Spanja, meta klawżola tiġi ddikjarata inġusta, il-konsegwenza hija li l-klawżola ssir nulla u bla effett b'effetti *ex tunc*, li tinvolvi ritorn għall-*istatus quo ante* u l-obbligu li jintraddu lura l-flus imħallsa illegalment lill-konsumaturi affettwati fl-applikazzjoni tal-klawżola inġusta. Barra minn hekk, f'xi każijiet il-qrati ddeċidew li l-effetti tal-annullament għandhom jiġu estenzi għal kumpaniji oħra li jużaw l-istess klawżola fil-kuntratt.

Problema oħra hija l-fatt li l-ambitu ta' mandat ta' inibizzjoni mhuwiex pan-Ewropew, jiġifieri negozjant qarrieqi jista' jimxi minn Stat Membru għal ieħor u jirrepeti l-attivitajiet tiegħu. Parti interessata minnhom semmiet ukoll il-fatt li, f'bosta ġurisdizzjonijiet, ma jistgħux jingħataw ordnijiet kontra individwu. Fir-Renju Unit, l-OFT tista' tiegħu azzjoni fil-każ ta' reklamar qarrieqi kontra "kull persuna" involuti fit-tixrid ta' reklami (bħad-Diretturi ta' kumpanija u l-Kapijiet Eżekuttivi).

4.5. L-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet

Id-diffikultajiet imsemmija fit-taqsimiet preċedenti kienu konnessi l-aktar mal-istadju dikjarattiv tal-proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni. Minn dan wieħed jista' jissoponi li, ladarba jkun ngeħbu l-ostakli u l-entità kkwalfikata tkun kisbet deċiżjoni favorevoli finali fil-Qorti, il-każ ikun ġie solvut. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ għax f'ħafna okkażjonijiet it-teħid ta' deċiżjoni favorevoli ma jkunx ifisser li din tkun tabilħaqq ġiet eżegwita u li l-ksur ikun twaqqaf. Ħafna partijiet interessati enfasizzaw kemm hu diffiċli li jiġi żgurat li l-ftehim milħuq fid-deċiżjonijiet adottati jiġi tabilħaqq osservat, speċjalment fil-każijiet fejn il-bejjieġh jew il-fornitur tas-servizz jinjora d-Deċiżjoni, irrispettivament mill-pieni infurzati. L-esperjenza wriet li l-ksur jista' biss jiġi kkontestat b'mod effettiv meta l-kummerċjanti jibzġħu li tista' tinħarġilhom sanzjoni li tkun biżżejjed dissważiva u li tiġi tassew infurzata. Jekk is-sanzjoni ma tkunx dissważiva biżżejjed, ħafna kummerċjanti konxjament jaċċettaw l-ispiża tal-proċedimenti legali, li hija baxxa meta mqabbla mal-profitti magħmula.

Is-sanzjonijiet imposti għal nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet dwar mandat ta' inibizzjoni jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, iżda ġeneralment jitqiesu li mhumiex dissważivi biżżejjed. Fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa possibbli li timponi l-ħlas ta' somma f'daqqa

¹¹ Ir-Regolamenti (KE) Nru 1393/2007 u Nru 1206/2001 ħaffew il-proċess u żiedu ċ-ċertezza legali tat-twassil ta' dokumenti u tal-ġbir tal-provi minn pajjiż għal ieħor.

fejn id-deċiżjoni tal-Qorti ma titħarisx. Meta dan iseħħ, u jiġi impost il-ħlas ta' somma f'daqqa, din is-somma tmur għand il-parti l-oħra. Fl-Isvezja, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-mandati ta' inibizzjoni jinħarġu taħt piena ta' multa. Fil-Bulgarija, piena finanzjarja li tvarja minn 5000 għal 23 000 BGN¹² tiġi imposta fuq kwalunkwe persuna li tonqos milli tħares ordni ta' mandat ta' inibizzjoni. Fi Spanja, f'każ ta' nuqqas ta' konformità teżisti piena li trid titħallas kuljum u li tvarja bejn 600 u EUR 60.000 għal kull jum ta' dewmien fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni tal-Qorti. Teoretikament, kull min persistentement jirrifjuta li jikkonforma ma' deċiżjoni tal-qorti jista' jeħel sanzjonijiet kriminali fi Spanja, iżda sa fejn nafu aħna dan qatt ma ġara f'każijiet marbutin ma' mandat ta' inibizzjoni.

5. IL-PASSI LI JMISS

5.1. Introduzzjoni

Minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom, l-azzjonijiet għal mandat ta' inibizzjoni jitqiesu mill-maġġoranza tal-partijiet interessati u tal-esperti bħala għodda utli b'potenzjal konsiderevoli jekk jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati.

Fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2012 "Lejn Approċċ Ewropew Koerenti għar-Rimedju Kollettiv", il-Parlament Ewropew huwa tal-fehma li r-"rimedju b'inġunzjoni jista' wkoll ikoll rwol importanti fil-ħarsien tal-jeddijiet li ċ-ċittadini u l-kumpaniji jgawdu skont il-liġi tal-UE u jemmen li l-mekkaniżmi introdotti skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar il-Koperazzjoni fil-Protezzjoni tal-Konsumaturi kif ukoll id-Direttiva 2009/22/KE dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, jistgħu jittejjbu b'mod sinifikanti sabiex jiġu promossi l-koperazzjoni u r-rimedju b'mandat ta' inibizzjoni f'sitwazzjonijiet transkonfinali".

Il-miżuri possibbli li ssuġġerew il-partijiet interessati biex tittejjeb l-effettività tal-mandati ta' inibizzjoni:

a) Miżuri mhux leġiżlattivi

Hemm miżuri li jistgħu jżidu l-użu tal-mandati ta' inibizzjoni u l-effettività tagħhom mingħajr ma jinbidel il-qafas legali, jew fil-livell Ewropew jew f'dak nazzjonali. Miżura minnhom taf tkun l-organizzazzjoni ta' **kampanji ta' sensibilizzazzjoni u t-taħriġ** għal entitajiet ikkwalifikati fl-użu tal-mandati ta' inibizzjoni, minħabba li ħafna minnhom ma jkollhomx għarfien biżżejjed biex jagħmlu użu minnhom. Fl-istess vena, xi partijiet interessati jissuġġerixxu l-introduzzjoni ta' mekkaniżmi (bħal **websajt**) biex tagħti pubbliċità lill-każijiet ta' mandat ta' inibizzjoni madwar l-Ewropa. Tali websajt tista' wkoll tinkludi informazzjoni dwar l-ambitu tal-mandati ta' inibizzjoni u r-regoli proċedurali fl-Istati Membri differenti, tradotti fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

b) Bidliet possibbli fil-qafas legali

Ħafna mill-partijiet interessati jemmnu li d-Direttiva hija biċċa leġiżlazzjoni ċara u mfasla tajjeb. Madankollu, jidher li l-livell tal-użu u tal-effettività tal-mandati ta' inibizzjoni jvarja minn Stat Membru għal ieħor aktar milli wieħed jixtieq. Id-Direttiva fiha xi regoli bażiċi, iżda

¹² Bejn 2.556 sa 11.759 €, skont ir-rata tal-kambju tal-21 ta' Ġunju 2012.

tħalli ċerta libertà għall-Istati Membri biex ifasslu il-karatteristiċi ta' proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni, inklużi regoli proċedurali, kif ukoll l-għan u l-effetti tagħhom. L-effettività varjata tal-mandati ta' inibizzjoni fi Stati Membri differenti fil-biċċa l-kbira tagħha ġejja minn differenzi fil-mod kif l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva fil-liġi domestika u minn differenzi fil-liġijiet sostantivi u proċedurali tagħhom. Bosta minn dawk li wiegħbu, inkluż xi awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, jappellaw għal grad akbar ta' armonizzazzjoni (fir-rigward tal-limiti taż-żmien biex tiġi introdotta azzjoni, tal-iskadenza sabiex tingħata deċiżjoni tal-qorti, u tal-ispejjeż) fil-proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni tal-Istati Membri varji, mill-inqas għal każijiet transkonfinali. F'kull każ, ikun f'loku li dawk id-dispożizzjonijiet li huma partikolarment utli biex tittejjeb l-effettività tal-mandati ta' inibizzjoni użati f'xi Stati Membri jiġu introdotti fl-oħrajn ukoll.

Il-partijiet interessati ssuġġerew għadd ta' miżuri possibbli li jiżguraw li l-mandati ta' inibizzjoni jintużaw aktar ta' spiss u jkunu aktar effettivi. Ġie ssuġġerit li fil-livell Ewropew jiġu introdotti xi wħud mill-miżuri li diġà jeżistu f'xi Stati Membri. L-aktar importanti minn dawn huma:

1. **L-estensjoni tal-kamp tal-applikazzjoni** tad-Direttiva għar-regoli kollha li jħarsu l-konsumatur. Bosta partijiet interessati huma favur it-twessigħ tal-ambitu tal-mandati ta' inibizzjoni lil hinn mil-lista inkluża fl-Anness, kif diġà huwa l-każ f'xi Stati Membri. Pereżempju, il-liġijiet dwar il-ħarsien tal-privatezza u tad-dejta personali huma dejjem aktar meqjusa bħala "liġijiet tal-konsumatur".
2. **L-estensjoni tal-effetti tad-deċiżjonijiet.** Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati huma tal-fehma li, aktar milli jkunu obbligati jintroduċu proċedimenti ġodda biex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom, il-konsumaturi għandhom jibbenefikaw direttament minn deċiżjoni li toħroġ wara każ mirbuħ. Fid-Direttiva għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet ċari dwar il-possibbiltà li l-konsumaturi jingħataw kumpens u dwar il-metodu biex isir dan. Barra minn hekk, il-perjodu limitat għad-dħul tat-talbiet min-naħa tal-konsumaturi milquta minn każ ta' ksur tal-liġi jmissu jiġi sospiż waqt il-proċedimenti ta' mandat ta' inibizzjoni. Meta klawżola kuntrattwali tiġi ddikjarata illegali, l-effett ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż għal kuntratti kollha simili, kemm li hemm fil-preżent u kemm dawk li għad isiru (dan huwa diġà l-każ f'xi Stati Membri).
3. **Il-proċedimenti aċċellerati** għal miżuri interim. Bosta partijiet interessati kienu favur dispożizzjoni li tirrikjedi l-użu obligatorju ta' proċedura aċċellerata għall-azzjonijiet kollha għal mandat ta' inibizzjoni, u mhux biss "fejn xieraq", kif stipulat mill-Artikolu 2 tad-Direttiva. Madankollu, minħabba li l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti ma jifhmux l-istess ħaġa bi "proċedura aċċellerata", id-Direttiva għandha tinkludi xi rekwiżiti relatati mal-proċedura aċċellerata, bħal dawk dwar l-iskadenzi biex deċiżjoni tal-Qorti dwar mandat ta' inibizzjoni titwassal b'mod formali
4. **Id-dritt għall-informazzjoni.** Bosta partijiet interessati indikaw li l-entitajiet ikkwalifikati għandu jkollhom id-dritt li jaċċessaw l-isem u l-indirizz għall-finijiet tal-liġi ta' negozji involuti fi Prattiki illegali. Il-kumpaniji għandhom ikunu obbligati jagħmlu disponibbli l-kuntratti standard li jużaw, bħalma huwa l-każ fi Spanja, fejn il-klawżoli kuntrattwali standard iridu jiġu inklużi fir-"Registro de Condiciones Generales de la Contratación". Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati huma tal-

opinjoni wkoll li d-deċiżjonijiet għandhom ikunu ppubblikati hekk li l-konsumaturi jkunu infurmati u n-negozjanti joqogħdu lura. Dan diġà hu l-każ f'xi Stati Membri.

5. **Il-finanzjament.** Il-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati jqisu li l-prinċipju "min jitlef iħallas" għandu jibqa' japplika fl-azzjonijiet għal mandat ta' inibizzjoni. Xi wħud madankollu ammettew li dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b'mod flessibbli, li jiffavorixxi lill-entitajiet ikkwalifikati, kif inhu l-każ f'xi Stati Membri.
6. **L-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet** għandha tittejjeb. Għal dan il-għan, bosta partijiet interessati jqisu li l-Istati Membri għandhom jintalbu jimponu pieni dissważivi fil-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-ordinijiet ta' mandat ta' inibizzjoni, u hekk jiżguraw li n-negozjanti ma jmorrox minn fuq meta jkun hemm Prattiki kummerċjali inġusti.

Fl-aħħar nett, bosta partijiet interessati, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi minn xi Stati Membri, iddikjaraw li għandu jiġi introdott mekkaniżmu ta' rimedju kollettiv għall-konsumaturi, fil-livell Ewropew, u dan flimkien ma' xi titjib possibbli fejn jidħlu l-mandati ta' inibizzjoni.

6. KONKLUŻJONI

Abbażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva:

Minkejja l-limitazzjonijiet tagħha, azzjonijiet ta' mandat ta' inibizzjoni jikkostitwixxu għodda utli għall-ħarsien tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi. L-entitajiet ikkwalifikati gradwalment qed isiru dejjem iktar konxji mill-possibilitajiet offruti lilhom mid-Direttiva u qed jiksibu esperjenza dwar l-użu tagħha.

Madankollu, jeżistu differenzi importanti fost l-Istati Membri fejn jidħlu il-livell tal-użu u tal-effettività tagħha. F'kull każ, anki f'dawk l-Istati Membri fejn il-mandati ta' inibizzjoni jitqiesu pjuttost effettivi u fejn jintużaw ħafna, il-potenzjal tagħhom mhuwiex sfruttat bis-sħiħ kawża ta' għadd ta' nuqqasijiet identifikati f'dan ir-rapport. L-iktar importanti huma: l-**ispejjeż għoljin** marbuta mal-proċedimenti, it-**tul** tal-proċedimenti, il-**kumplexità** tal-proċeduri, l-**effetti relattivament limitati** tad-deċiżjonijiet dwar il-mandati ta' inibizzjoni u d-diffikultà ta' kif għandhom jiġu infurzati. Dawn id-diffikultajiet terġa' huma aktar preżenti f'mandati ta' inibizzjoni b'dimensjoni transkonfinali.

Il-Kummissjoni tieġu nota tal-kwistjonijiet imqajma mill-partijiet interessati u tas-suġġerimenti tagħhom biex tindirizzahom. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri. Hija se tkompli tivvaluta kif l-aħjar jiġu indirizzati, mal-Istati Membri, il-kwistjonijiet identifikati f'dan ir-rapport, u x'titjib jista' jkun hemm fil-qafas legali attwali. Il-Kummissjoni tqis li ma jidhirx li hemm raġunijiet biżżejjed b'saħħithom biex, f'dan l-istadju, tipproponi emendi għad-Direttiva, u se tirrevedi s-sitwazzjoni meta tkun qed tfejji r-rapport li jmiss dwar l-applikazzjoni tagħha.